# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/677

## tat-23 ta' April 2015

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jinħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi, fuqu, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni oħra magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati bil-kodiċi NM fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta'din it-tabella.

(4) Jixraq li jiġi pprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma jkunux konformi ma' dan ir-Regolament, tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]). Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fin-Nomenklatura Magħquda bil-kodiċi NM fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2015.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Heinz ZOUREK
*Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali*

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (KodiċiNM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Oġġett li huwa magħmul minn erba' saqajn tal-mejda tal-metall bażiku, imwaħħal bil-viti ma' erba' pjanċi tal-metall li jżommuhom flimkien.<br><br>Sabiex ma jkunux jiżolqu u biex ma tinbaraxx l-art, il-qiegħ ta' kull sieq tal-mejda huwa mgħotti bil-lastku.<br><br>It-truf ta' fuq tas-saqajn tal-mejda għandhom it-toqob għall-viti biex ikun jista' jitwaħħal il-wiċċ tal-mejda.<br><br>(*) Ara l-istampa. | 9403 90 10 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mit-test tal-kodiċijiet tan-NM 9403, 9403 90 u 9403 90 10.<br><br>Il-klassifikazzjoni bħala għamara sħiħa hija eskluża minħabba li l-oġġett jonqsu komponent essenzjali, il-wiċċ tal-mejda.<br><br>Għaldaqstant, l-oġġett għandu jiġi kklassifikat bil-kodiċi tan-NM 9403 90 10 bħala partijiet tal-metall tal-għamara. |

(*) L-istampa qiegħda biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.

